VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 44 tal-2016

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 123.74

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-30 ta' Novembru 2015.

Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2060.

2. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2060 tal-10 ta' Novembru 2015 li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/EC għandu jkollha effett fir-rigward tal-Atti dwar it-Taxxi.

Iħassar ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2016. Madankollu, kif previst fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2060 hawn fuq imsemmija, l-obbligi li ġejjin taħt id-Direttiva 2003/48/EC kif emendata bid-Direttiva 2006/98/EC (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa d-Direttiva 2003/48/EC kif emendata), kif rifless fl-imsemmi regolament 5 u fl-Iskedi 1 u 2 tar-regolamenti prinċipali għandhom jibqgħu japplikaw kif previst hawn taħt:

(a) l-obbligi stabbiliti taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/48/EC kif emendata għandhom jibqgħu japplikaw sal-5 ta' Ottubru 2016 jew sakemm dawk l-obbligi jkunu ġew sodisfatti;

(b) l-obbligi taħt l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2003/48/EC kif emendata għandhom jibqgħu japplikaw sal-5 ta' Ottubru 2016 jew sakemm dawk l-obbligi jkunu ġew sodisfatti;

(ċ) l-obbligi taħt l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2003/48/EC kif emendata għandhom jibqgħu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2016;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) l-obbligi taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/48/EC kif emendata, fir-rigward ta' taxxa miżmuma minn ras il-għajn miġbura matul l-2016 u snin preċedenti, għandhom jibqgħu japplikaw sakemm dawk l-obbligi jkunu ġew sodisfatti.